**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, 27 ta’ Marzu 2019**

**Talba Nru: 386/17 CZ**

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) kif surrogat fid-drittijiet tal-assikurat taghha Valmore Galea**

**vs.**

1. **Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Gzira**
2. **Awtorita ghat-Trasport f’Malta**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta’ attrici mressqa fil-25 t’Awwissu 2017 li biha talbet lit-Tribunal jordna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' mitejn sebgha u tmenin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€287.42) li tirraprezenta d-danni kollha sofferti minn Valmore Galea, assikurat mas-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited, u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited bhala indennizz a favur tal-assikurat taghha u dan in segwitu ghal incident illi sehh fit-2 ta' Settembru 2015, fi Triq ix-Xatt, il-Gzira [Dok. A] meta waqt li l-imsemmi

Valmore Galea kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LEL 129, appartenenti lilu, saq fuq hofra illi kienet tinstab fl-imsemmija triq minghajr ebda senjalazzjoni, ghal-liema triq il-konvenuti, jew min minnhom, kienu responsabbli ghall-manutenzjoni taghha.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, il-konvenuti, jew min minnhom, ghandhom jinzammu unikament responsabbli ghad-danni subiti mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-11 ta' Lulju 2016, u bl-imghax legali b'effett mill-lum sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut prezentata fit-28 ta' Settembru 2017, li eccepixxa:

It-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-itesss, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari, ai termini tal-artikolu 27 ta' Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta, l-azzjoni odjerna kellha tigi intentata kontra s-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill konvenut bhala rapprezentanti legali u guridici ta' l-istess;
2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma huwiex responsabbli ghad-danni subiti mill-attrici;
3. Fit-tielet lok, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici trid tipprova l-fondatezza tat-talbiet taghha;
4. Fir-raba' lok, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub, anke mharsa l-principi tal-ekwita' u l-gustizzja, ma hux dovut;
5. Fl-ahhar lok, mill-bqija, it-talba tal-attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra illi b'digriet ta' l-4 t'Ottubru 2017 fl-okkju tal-kawza zdiedu l-kliem ' Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv' qabel il-Kunsill konvenut.

Ra illi b'digriet tal-25 t'Ottubru 2017, it-Tribunal laqa' t-talba tal-awtorita' konvenuta sabiex ir-risposta li pprezentat ghall-kawza fit-13 t'Ottubru 2017[1] tibqa' fl-atti, minkejja li giet prezentata wara t-terminu;

Ra l-istess risposta ta' l-awtorita' konvenuta, li eccepiet:

Illi preliminarjament, l-awtorita' intimata mhijiex il-legittima kontradittrici stante li t-triq fejn sehh l-allegat incident ma taqax taht il-kompetenza tal-awtorita' esponenti;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-awtorita' esponenti tirrespingi l-pretenzjonijiet u allegazzjonijiet migjuba kontra taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi minghajr pregudizzju, ghas-suespost, jinkombi fuq ir-rikorrenti li jaghmlu prova tad-danni allegati u konsegwentement, id-danni reklamati qed jigu kkontestati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

[1] Fol. 92

Sema' x-xiehda;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' Tarcisio Mercieca[2], PS 1128 Glenn Sammut[3], WPS 63 Janet Zammit[4], Adrian Mifsud[5], Valmor Galea[6], u l-Perit David Vassallo[7].

Ra illi l-avukati difensuri tal-konvenuti, fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2017, iddikjaraw li m'hemmx kontestazzjoni dwar il-quantum tal-hsarat.

Ikkunsidra:

Illi jehtieg l-ewwel jigi stabbilit x'kien l-incident in kwestjoni. Valmor Galea, is-sewwieq tal-karozza involuta fl-incident, kien ghaddej minn Triq ix-Xatt, il-Gzira, bil-vettura LEL 129, meta f'daqqa wahda dahal f'hofra li dwarha ma kien hemm l-ebda tabella jew sinjal biex javzaw lis-sewwieq li hemm periklu fit-triq. B'konsegwenza t'hekk garrab hsara fil-karozza tieghu u ghamel talba lis-socjeta' attrici bhala l-assikuratur tieghu sabiex thallsu tal-hsara.

Illi jirrizulta lit-Tribunal li ma kien hemm l-ebda gustifikazzjoni ghalfejn il-hofra murija fir-ritratti u li xehed dwarha l-istess Valmor Galea kellha tithalla f'dak l-istat u ma tissewwiex, u ghaldaqstant, is-sewwieq ma kellu l-ebda htija li, waqt li kien isuq, ghadda minn go l-imsemmija hofra.

[2] Fol. 36
[3] Fol. 38
[4] Fol. 39
[5] Fol. 44
[6] Fol. 96
[7] Seduta tal-11 ta' Lulju 2018

Illi rrizulta mix-xiehda ta' Adrian Mifsud u l-Perit David Vassallo, illi l-imsemmija triq taqa' pjenament fil-kompetenza tal-Kunsill konvenut, u hija wahda mit-toroq li l-Kunsill konvenut huwa responsabbli ghaz-zamma taghha.

Illi d-danni reklamati gew pruvati kemm permezz tax-xiehda ta' Tarcisio Camilleri kif ukoll bir-ricevuti esebiti.

Illi jirrizulta ghalhekk lit-Tribunal li dan l-incident sehh b'tort tan-nuqqas tal-Kunsill konvenut li jzomm fi stat tajjeb it-triq in kwestjoni, u ghalhekk ghandu jkun il-Kunsill konvenut responsabbli ghall-hlas.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi;

1. Jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-awtorita' konvenuta, u konsegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet l-ohra ta' l-istess awtorita';
2. Jichad l-eccezzjonijiet tal-Kunsill Konvenut;

u jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna unikament lis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Gzira jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u tmenin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€287.42), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez kif mitluba, inkluz dawk tal-awtorita' konvenuta, jithallsu kollha mill-Kunsill konvenut.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur